**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju, 2002**

**Numru 31**

**Avviz. numru 247/02JR**

**Carmelo Bellizzi**

**vs**

**Id-Direttur, Dipartiment tat-Toroq, u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2002, giet kjamata in kawza Rite Mix (Gatt Bros.) Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fl-4 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mitta lira Maltija (Lm500.00), u fejn intqal:**

**Illi l-vettura Mercedes LAJ-473 propjeta` ta' l-attur garrbet hsarat kunsiderevoli meta dana kien qieghed isuq fi Triq Mdina kantuniera ma' Triq Guze` Ellul Mercer, Qormi, fit-3 ta' Lulju, 2001, liema hsara kienet**

**dovuta ghall-fatt li kien hemm tlett tappieri nstallati f'mod negligenti u traskurat. It-Tribunal ghandu jillikwida d-danni nkorsi mill-attur li ma jeccedux is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550.00);**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Novembru, 2001, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, fejn qal:**

**Illi preliminarjament qed jintalab li jigi kjamat in kawza l-kuntrattur Rite Mix (Gatt Bros.) Limited, stante li din il-kumpanija kienet responsabbli mix-xogholijiet esegwiti fil-post fejn gara l-incident li l-attur qed jallega li kellu;**

**Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-unika kawza tad-danni allegatament sofferti mill-attur fil-vettura tieghu kienet negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur stess;**

**Huwa ma ghandux ibati spejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Bellizzi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi dan il-kaz qed isir ghad-danni sofferti fil-vettura ta' l-attur meta dana ghadda minn Triq l-Imdina, kantuniera ma' Triq Guze Ellul**

**Mercer, fit-3 ta' Lulju, 2001, minhabba tlett tappieri li kienu gholjin wisq, installati b'mod negligenti.**

2. **Il-konvenut talab li tigi kjamata in kawza is-socjeta` Rite Mix (Gatt Bros) Limited, u dan it-tribunal laqgha dik it-talba.**
3. **Issa huwa minnu li l-kuntrattur kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar danni li jistghu jigu kagunati lill-terzi, pero` din ma tezimi bl-ebda mod lid-Dipartiment koncernat mir-responsabilita` tieghu ghall min qabbad biex jesegwixxi dawk ix-xogholijiet, salv u impregudikat kull dritt li jista jispetta lill-attur kontra terzi.**
4. **Jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-mod kif tqieghdu t-tappieri fit-triq, bi ftit illuminazzjoni, kien negligenti sa l-ahhar, u dana huwa evidenti wkoll mir-rapport tal-Perit Valeri Schembri u mir-ritratti esebiti Dok.VS01 sa Dok.VS03. Tali tappieri holqu perikolu serju ghall-vetturi li jghaddu minn hemm, u ma kien hemm ebda senjalazzjoni li kien hemm tali tappieri, sabiex wiehed joqghod attent ghalihom. Ghalhekk meta wasal hdejn it-tappieri l-attur inhasad ghax ma kien hemm xejn x'jindikalu li kien hemm dan il-perikolu fit-triq, u li kieku kien ghaddej b'velocita` l-incident seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi. Kif sewwa qal il-perit Valerio Schembri fir-rapport tieghu: "Quddiem il-fond bin-numru 365 ta' l-istess triq u cioe` Triq l-Imdina jezistu ghotjin jew tappieri ta' gholi sahansitra ta' circa tlett pulzieri l-fuq mill-wicc tat-triq in kwistjoni."**

5. **Ghalhekk hija gustifikata t-talba ta' l-attur ghad-danni. Definitivament ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-kjamat in kawza u l-attur, u f'dan il-kuntest il-kjamat in kawza ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**
6. **Bhala danni jirrizulta li l-attur sofra erba' mija u hdax-il lira Maltija (Lm411.00), u dana kif jirrizulta mid-Dok.CB, CB2 u CB3.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, u peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, jikkundanna lill-konvenut Dipartiment tat-Toroq ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hdax-il lira Maltija (Lm411.00) salv u impregudikat kull dritt tad-Dipartiment konvenut kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza, ghandhom jigu sopportati nterament mid-Dipartiment konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**